MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tat-30 ta' Marzu, 2004

Appell Kriminali Numru. 58/2004

**Il-Pulizija**
**(Spettur Joseph Agius)**
**Vs**
**Nazzareno Carabott**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli naqas milli jhallas il-manteniment lil Gertrude Carabott u lil uliedha l-manteniment kif ordnat mis-Sekond'Awla tal-Qorti Civili datat 22 ta' Mejju 2003 Digriet numru 611/2003 u kif ukoll permezz ta' Digriet numru 1672/2003 u dan ghall-gimgha li tibda minn : 3 t'Awissu 2003 sad-9 t'Awissu 2003.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-10 ta' Marzu, 2004, li biha, wara li rat l-Artikolu 338z u l-Artikolu 17(c) u 7(2)(a) tal-

Kap. 9, sabet lill-imputat hati w ikkundannatu ghal erbat ijiem detenzjoni.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fit-18 ta' Marzu, 2004 li bih talab lil din il-Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza appellata w wara li tiddikjarah mhux hati tal-akkuza dedotta kontrih, tillibera lill-esponenti minn kull imputazzjoni w piena.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-Prosekuzzjoni fis-seduta tal-lum ;

Rat il-verbal li bih il-Qorti gibdet l-attenzjoni tal-partijiet ghall-fatt li l-akkuza mertu ta' dan l-appell tista' tkun preskritta ;

Rat il-verbal li bih il-Prosekuzzjoni u l-Parti Civili qablu li l-kawza hi preskritta;

Ikkonsidrat ;

Illi ghalkemm ma sarx aggravju dwar il-preskrizzjoni "ut sic" , din skond l-artikolu 694 tal-Kap. 9 hi applikata mill-Qorti "ex officio" u l-imputat ma jistax jirrinunzja ghaliha.

Illi bhala fatt jidher li l-mertu tal-appell odjern jirrigwarda l-periodu li jibda mit-3 t' Awwissu, 2003 sad-9 t' Awwissu, 2003, li ghalih il-hlas tal-manteniment kellu jsir bil-quddiem kull nhar ta' tnejn skond id-Digriet tas-Sekond' Awla tal-Qorti Civili tat-22 ta' Mejju, 2003. Peress li l-jum tat-tnejn dik il-gimgha kien l-erbgha (4) tax-xahar , jigi li l-kontravvenzjoni istantanja kienet tigi kommessa malli jghaddu hmistax il-jum mill-4 t' Awwissu w cioe' fid-19 t' Awwissu, 2003 u ma jsirx il-hlas, skond l-artikolu 338 (z) tal-Kap.9.

Issa jidher li ghalkemm il-kwerela li baghat lill-Pulizija l-Avukat tal-kwerelanti kienet iggib id-data tad-29 ta' Novembru, 2003, (fol-12), ic-citazzjoni giet ittimbrata w ffirmata mill-Ispettur biss fit-3 ta' Dicembru, 2003 u allura setghet giet notifikata lill-appellant biss jew dak in-nhar stess jew wara dik id-data.

Isegwi ghalhekk li kienu ghaddew aktar minn tlitt xhur mid-19 t' Awwissu , 2003 , meta giet kommessa l-kontravvenzjoni , sad-data meta l-appellant seta' gie notifikat bic-citazzjoni w ghalhekk l-periodu preskittiv skond l-artikolu 688(f) kien gja skada fid-19 ta' Novembru, 2003 , anki qabel ma saret il-kwerela.

Ghalhekk din il-Qorti tiddisponi mill-appell billi "ex officio" tiddikjara li l-akjkuza dedotta kontra l-appellant hija preskritta skond il-ligi u ghalhekk tiddikjara l-azzjoni estinta w l-procediment ezawrit fil-konfront tieghu.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------